# MALTA

## QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Illum 24 ta' Ottubru, 2016**

**Rikors Nru.: 30/2016MH**

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

1. **International Plastering Company Limited (C16824)**
2. **Sebastiano u Rita mizzewgin Guccione (K.I. numru 17139(A) u 429672(A)**
3. **Maggi Limited (C2943) ig**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` rikorrenti fejn gie sottomess:

**"1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'hames kuntratti, maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor John Gambin, datati 30 ta' Ottubru 1996, 22 ta' Marzu 1999, 8 ta' Gunju 2001, 19 ta' Ottubru 2004 u 24 ta' Mejju 2007 (Dok. "A", "B", "C", "D" u "E") is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta' International Plastering Company Limited .**

**2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' International Plastering Company Limited fis-somma ta' sitt mija u wiehed u hamsin elf, disa' mija u sebgha u erbghin Ewro u centezmu (€651,947.01) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tas-socjeta' International Plastering Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "F1 sa F2" u Dok. "G1 sa G3") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-25 ta' Novembru 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament;**

**3. Illi permezz ta' hames kuntratti, maghmula fl-atti tan-Nutar John Gambin datati 30 ta' Ottubru 1996, 22 ta' Marzu 1999, 8 ta' Gunju 2001, 19 ta' Ottubru 2004 u 24 ta' Mejju 2007 (Dok. "A", "B", "C", "D" u "E") u permezz ta' hdax-il skrittura privata datati wahda minnhom fil-5 ta' Mejju 1999, tlieta minnhom datati 13 ta' Ottubru 2004, ohra datata 12 ta ' Mejju 2005, tlieta ohra datati 13 ta' Settembru 2005, ohra datata 5 ta' Lulju 2006 , ohra datata 6 ta' Dicembru 2006 u ohra datata 16 ta' Dicembru 2006 (Dok. "H", "I", "J", "K", "L", "M", "N", "O", "P", "Q" u "R") il-konvenuti Sebastiano u Rita mizzewgin Guccione iggarantew flimkien u "in solidum" mas-socjeta' International Plastering Company Limited ghaf-favur tal-Bank of Valetta p.l.c., id-debiti ta' l-istess International Plastering Company Limited, mal-Bank of Valletta p.l.c.**

**4. Illi permezz ta' kuntratt, maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor John Gambin datat 24 ta' Mejju 2007 (Dok. "E") is-socjeta' konvenuta Maggi Limited iggarantiet flimkien u "in solidum" mas-socjeta' International Plastering Company Limited , sal-valur ta' mitejn u sitta u hamsin elf, mitejn u wiehed u tletin Ewro (€256,231.00), ghaf-favur tal-Bank of Valetta p.l.c., id-debiti ta' l-istess International Plastering Company Limited, mal-Bank of Valletta p.l.c.**

**5. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokumenti "A", "B", "E", "F", "G" ,"H", "I", "J", "K", "L", "M", "N", "O", "P", "Q" u "R ) partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta' International Plastering Company Limited, Sebastiano u Rita mizzewgin Guccione u Maggi Limited.**

**(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess socjeta' International Plastering Company Limited, Sebastiano u Rita mizzewgin Guccione u Maggi Limited li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici**

**6. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;**

**7. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' tlett ittri ufficjali datati 24 ta' Frar 2014 li kopji taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok. "S", "T" u "U", sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.**

**Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex Din il-Qorti Tilqa' it-talbiet tas-socjeta' attrici li qeda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha :**

1. **Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokument "A", "B", "E", "F", "G", "H", "I", "J", "K", "L", "M", "N", "O", "P", "Q" u "R") partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta' International Plastering Company Limited, Sebastiano u Rita mizzewgin Guccione u Maggi Limited (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess International Plastering Company Limited, Sebastiano u Rita mizzewgin Guccione u Maggi Limited li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.**

2. **Tikkundanna lis-socjeta' International Plastering Company Limited u Sebastiano u Rita mizzewgin Guccione ihallsu flimkien u *in solidum* bejniethom, lis-socjeta' attrici is-somma ta' sitt mija u wiehed u hamsin elf, disa' mija u sebgha u erbghin Ewro u centezmu (€651,947.01) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" tas-socjeta' International Plastering Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "F1 sa F2" u Dok. "G1 sa G3") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-25 ta' Novembru 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament.**

3. **Tikkundanna lil Maggi Limited thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mitejn u sitta u hamsin elf, mitejn u wiehed u tletin Ewro (€256,231.00), bilanc minn somma akbar ghad-debitu fil-*"Loan u Overdraft Accounts"* tas-socjeta' International Plastering Company Limited mal-Bank of**

**Valletta p.l.c. (Dok. “F1 sa F2” u Dok. “G1 sa G3”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-25 ta’ Novembru 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament**

**Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittri ufficjali datati 24 ta’ Frar 2014 (Dok. “I”, “J” u “K”) u tal-Mandat ta’ Sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.”**

Rat li fis-seduta tas-7 ta’ Ottubru, 2016, l-intimati meta msejjhin ma dehrux ghalkemm dawn gew debitament notifikati;

Semghet lil Dorianne Tanti in rapprezentanza tas-socjeta rikorrenti;

Ezaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-kontumaċja tas-soċjeta intimata tiddeċiedi billi:

1. **Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokument “A”, “B”, “E”, “F”, “G”, “H”, “I”, “J”, “K”, “L”, “M”, “N”, “O”, “P”, “Q” u “R”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta’ International Plastering Company Limited, Sebastiano u Rita mizzewgin Guccione u Maggi Limited (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess International Plastering Company Limited, Sebastiano u Rita mizzewgin Guccione u Maggi Limited li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.**

2. **Tikkundanna lis-socjeta’ International Plastering Company Limited u Sebastiano u Rita mizzewgin Guccione ihallsu flimkien u *in solidum* bejniethom, lis-socjeta' attrici is-somma ta’ sitt mija u wiehed u hamsin elf, disa’ mija u sebgha u erbghin Ewro u centezmu (€651,947.01) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" tas-socjeta’ International Plastering Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “F1 sa F2” u Dok. “G1 sa G3”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-25 ta’ Novembru 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament.**

3. **Tikkundanna lil Maggi Limited thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mitejn u sitta u hamsin elf, mitejn u wiehed u tletin Ewro (€256,231.00), bilanc minn somma akbar ghad-debitu fil-*"Loan u Overdraft Accounts"* tas-socjeta' International Plastering Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "F1 sa F2" u Dok. "G1 sa G3") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-25 ta' Novembru 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament**

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 24 ta' Frar,2014 u tal-Mandat ta' Sekwestru ipprezentat kontestwalment mal-kawza, kontra l-konvenuti.

Moqrija

Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.
Imhallef